Pupull ħtieġlu jerfgħu l-ħin kollu u daqqa jwieżnu fuq ġebla, daqqa jżommu ma' biċċa ħajt, fost it-taqtigħ ta' qalb ta' kull min kien jarahom, fl-aħħar iż-żagħżugħ seħħlu joħroġ is-Sur Lawrenz mill-ħerba tad-dar u jeħilsu minn kull tiġrib.

In-nies kollha nsew il-hemm li kienu fih u daru ma' Pupull ifaħħruh u jċapċpulu, iżda hu baqa' ħiemed u ma ta widen ta' xejn, biss ħass tferfira ta' ħlewwa f'qalbu meta Vitorin resqet u ħaditlu b'idu, imbagħad ġarrab ferħ kbir meta s-Sur Lawrenz ħaddnu miegħu u biesu bħallikieku kien ibnu.

*
* *

U minn dak in-nhar 'il quddiem is-Sur Lawrenz baqa' jżomm il-Pupull bħala ibnu u biex jurih il-għożża ta' qalbu wettaq bil-barka tiegħu l-ġibda li dak it-tifel tal-baħar kellu lejn Vitorin, it-tfajla ta' xagħarha isfar.

Ġużè Galea

## Ieqaf mill-Ġlied

Ieqaf mill-ġlied, ja bniedem: żomm fi ħsiebek
Li l-għana li qed teqred mhuwiex tiegħek.
Min tak il-jedd li taħsad ħajjet ħbiebek
U nies li qatt ma kellhom x'jaqsmu miegħek?

Ħares, madwarek in-Natura sbejħa,
Qiegħda tistiednek tgħix fis-sliem u l-hena.
Isma', lil hinn mis-sħab hemm tidwi s-sejħa:
"Ħobb u jħobbuk, iżżidx fil-ġlied tinfena."

Ara, fil-ġonna l-ward f'żifna għalenija;
Mis-siġar ġejja l-għanja tal-ħelsien,
Fis-sema l-kwiekeb jiddu, mija mija,
Jidħak, fid-dawl tal-qamar, il-ħolqien.

Tgħallem ħobb lil ħbiebek u 'l-egħdewwa
U għix fis-Sliem, fl-Imħabba u fis-Sewwa.

* * * *

# L-EWWEL ĠIBDA *

Tooriri kien belti għani ta' Bagdad, magħruf minn kulħadd għad-drawwiet tajba tiegħu. Hu mhux biss kien hekk iħobb lill-fqar u jagħtihom minn ġidu li fl-aħħar kellu jnaqqas ħafna mill-lussu li kien imdorri fih, imma kien jagħti widen u joqgħod jisma' bl-ikbar ħlewwa t-tgemgim, it-tnehid u t-talb tagħhom, u jispiċċa biex ifarraġhom u jgħinhom mill-aħjar li jista'.

Hu kien jieħu bis-sabar il-miżerji kollha tal-ħajja, kien jaħmel lil kulħadd u lanqas jobgħod lil dawk li ma kenux jaqblu mal-fehmiet tiegħu—ħaġa li tiltaqa' magħha darba fil, għax aktarx kull bniedem f'qalbu jixtieq li kulħadd hu agħar minnu, għalkemm fl-istess ħin ukoll li jkun jixbhu.

Kien miżżewweġ mara kemm jista' jkun inkejjuża, imma qatt ma bidilha; kien jisma' bis-sabar it-tgemgim tagħha, jaħfrilha malajr wara x-xenati kbar li kienet tagħmillu, u lanqas qatt ma wrieha li kienet xjieħet u kriehet. Kittieb u poeta, kien tassew jieħu gost bis-suċċessi ta' sħabu u kien jurihom il-ferħ u l-ħbiberija tiegħu bi kliem meqjus u ħlejju.

Fi ftit kliem kien iħenn għal għajru u jħobbu; kien dħuli u ħelu ma' kulħadd; kellu idu miftuħa; u ma kienx jaħmel il-qerq—qaddis u ġentlom fl-istess ħin.

F'wiċċu, b'dana kollu, ma kenitx tidher dik il-kalma li x'aktarx hi l-għelm tal-qdusija. Le, wiċċu kien imkemmex bħal ta' bniedem li fuqu ikunu setgħana l-ġibdiet ħżiena, jew li għandu jifnih xi hemm moħbi. Kemm-il darba kien jieqaf u jbaxxi għajnejh lejn l-art biex jinġabar fih in-nifsu u jaħbi ħsebijietu minn għajnejn in-nies. Iżda ħadd ma kien jagħti każ ta' dan.

Mhux bogħod minn Bagdad kien jgħix ir-raheb Maitreya, li kien jagħmel ħafna mirakli u li kienu jmorru jżuruh biex jagħtuh qima ħafna ħaġġieġa. Maitreya kien rebaħ il-ġibdiet kollha tal-bniedem. Hu għażel li ma jitħarrek qatt u baqa' dejjem f'qagħda waħda, tant li l-ħuttaf beda jbejjet fuq spallejh. Il-leħja kienet waslitlu sa ħżiemu u kienet maħmuġa daqs dnub il-baqar imqaddsa tal-Indja; u ġismu kien tkemmex daqs iz-zkuk niexfa tas-siġar. Hekk dam igħix għal disgħin sena sħaħ, għax dan kien l-idijal tiegħu.

* Storja miktuba bil-Persjan minn awtur mhux magħruf, li ġiet maqluba bl-Ingliż u mitbugħa fil-ġabra 'The Masterpiece Library of Short Stories': imfissra bil-Malti minn G. Zarb Adami.